TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 74/19/B

Louis Chetcuti
Vs
Didi Auto Valley Service Station

Illum, 22 ta' Gunju, 2020

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fit-2 ta' Lulju 2019 li permezz tieghu talab lura l-hlas ta' erbghin Euro (€ 40) ghall-fuel illi huwa ma kienx ha fl-istess pompa permezz tal-automated machine.

Ra illi l-intimat ma pprezentax risposta ghall-avviz tar-rikorrenti pero ikkontesta t-talba mressqa waqt is-seduta quddiem dan it-Tribunal.

Ra l-Atti tal-process;

Semgha ix-xhieda;

Ra d-Dokumenti esebiti;

Ikkunsidra:

Illi r-rikorrenti kien mar gewwa Didi Petrol Station sabiex jghati diesel lil vettura tieghu. Huwa jghid illi l-pompi ma kienux immarkati tajjeb. Huwa mar fuq pompa li minkejja li ma kienetx immarkata huwa stqarr fl-avviz tieghu: "assumejt li kienet diesel normali". Illi r-rikorrenti jghid illi l-ewwel ghoxrin Euro (€ 20) li tefa fil-magna, ma harigx diesel u ghalhekk rega' tefa' ghoxrin (€ 20) Euro ohra. Jghid illi waqt li kien qed jimla' l-vettura beda jxomm riha ta' petrol u ghalhekk waqaf jghati fuel. Finalment jghid illi ficcirkostanzi kellu jghati ghoxrin (€ 20) Euro ohra sabiex jiehu diesel li skont irrikorrenti kienet ta' grad ghola minn dak normali. Illi ghalhekk ir-rikorrenti talab li jigi rifuz lura s-somma ta' erbghin Euro (€ 40).

Illi l-initmat Charles Borg xehed quddiem dan it-Tribunal u cahad lallegazzjonijiet tar-rikorrenti. Huwa jghid illi huwa ghandu biss Zewg tipi ta' fuel ossija Petrol u Diesel. Huwa Qal illi l-ghada li gara l-incident ir-rikorrenti kien mar il-Fuel Station u huwa ra mis-sistema illi l-

ewwel € 20 li ntefet, ma kienx ittiehed fuel. Filwaqt li t-tieni darba kien ittiehed € 13.76 filwaqt li kien baqa' bilanc ta' € 6.24.

Illi l-intimat jghid illi huwa hallas lir-rikorrenti s-somma ta' € 26.24c liema fatt huwa kontestat mir-rikorrenti.
Ikkunsidra:

Illi t-Tribunal jinnota illi l-punti ta' kontestazzjoni huma tnejn (a) l-immarkar tal-pompi (b) hlas li r-rikorrenti qed jippretendi li jithallas lura. Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-immarkar tal-pompi t-Tribunal jinnota illi ghalkemm hemm divergenza bejn r-ritratt mehud mir-rikorrenti [Dok LC 1] u dak talintimat [Dok B1] jidher car anke mir-ritratt tar-rikorrenti illi hemm differenza bejn iz-zewg pompi wahda immarkata bl-ahdar u l-ohra bil-kulur blu bil-frazi 'e diesel'. Illi ghalhekk huwa car illi anke mix-xhieda tal-intimat huwa kellu biss tip wiehed ta' diesel u mhux kif indika r-rikorrenti li kien hemm diesel normali u wiehed ta' grad ghola. Illi t-Tribunal jinnota illi mix-xhieda tarrikorrenti jidher illi r-rikorrenti fil-mument li kien ser jghati l-fuel ma kienx cert x'tip ta' fuel kien qed jghati minkejja dan huwa xorta wahda ghazel li jghati l-fuel tant illi tefa' € 20 kull darba, ghal tlett darbiet.
Illi ghalhekk it-Tribunal qed jikkonsidra illi r-rikorrenti kellu tort meta huwa ghazel li jghati fuel mill-pompa li kienet immarkata bl-ahdar u li ma kienetx immarkata bhala Diesel kuntrarjament ghal pompa ta' hdejha li kienet mmarkata 'Diesel'. Illi ghalhekk gialadarba r-rikorrenti ha petrol ekwivalenti ghal € 13.76c ma ghandux ikun l-intimat li jsofri ghall-izball tar-rikorrenti.

Illi minn naha l-ohra t-Tribunal jinnota illi r-rikorrenti hallas l-ammont ta' € 26.24c ghall-liema somma huwa ma hax servizz u dan kif jidher minn Dok 'A'. Illi r-rikorrenti jghid illi huwa ma thallasx dan l-ammont kuntrajament ghal dak indikat mill-initmat. Illi t-Tribunal jinnota illi l-intimat ma gab l-ebda prova li huwa hallas lir-rikorrenti u ghalhekk it-Tribunal jikkunsidra illi rrikorrenti ghandu jigi rizarcit s-somma fl-ammont ta' € 26.24c.

DECIDE
Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, ghar-ragunijiet fuq spjegati, billi jilqa' t-talba in parte tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' sitta u ghoxrin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€ 26.24c) b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Avv. Paul Borg
Arbitru